**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 1 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**Vs**

**STEPHEN LEE DEBATTISTA**

**Kump Numru: 195/2022**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Lee Debattista detentur tal-karta ta' l-identita' 17797M, fejn gie akkuzat talli, nhar l-14 t' April 2022, ghall-habta ta' 21:00hrs, minn gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Miss Ellen's Travelling Treats' gewwa 137, Triq il-Lunzjata, Santa Venera, limiti tal-Hamrun : -

1. **Bil-hsieb li jwettaq serq** minn l-imsemmi hanut, wera b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u liema serq li kieku sehh kien ikun serq agravat bil-**mezz u bil-hin**;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel **hsara** jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-hanut 'Miss Ellen's Travelling Treats', liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250) u dan ghad-detriment ta' Sandro Grech u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli rrenda ruhu **ricediv** ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-15 t' April 2022, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet, il-kondotta tieghu u l-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 41 (1)(A), 49, 50, 263(A), 270, 278(1)(3), 325(1)(B) U 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` disgha (9) xhur prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur